2025/528(*)

15.3.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/528

tal-14 ta' Marzu 2025

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) Fit-12 ta' Settembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2456 ([2]), u b'hekk ġedded il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK għal sitt xhur oħra.

(3) Fid-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li fihom, fost l-oħrajn, tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu li jibqa' jingħata għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment.

(4) Sakemm l-azzjonijiet illegali mill-Federazzjoni Russa jkomplu jiksru r-regoli fundamentali tad-dritt internazzjonali, inkluż, b'mod partikolari, il-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza minquxa fl-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jew tad-dritt umanitarju internazzjonali, huwa xieraq li jinżammu fis-seħħ il-miżuri kollha imposti mill-Unjoni u li jittieħdu miżuri addizzjonali, jekk ikun meħtieġ. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġġedded għal sitt xhur oħra.

(5) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill dwar id-dežinjazzjonijiet individwali li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar 126 individwu u 36 entità. Barra minn hekk, jenħtieġ li minn dak l-Anness jitħassru l-entrati għal tliet persuni deċeduti u erba' persuni oħra, kif ukoll tliet entrati duplikati.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Settembru 2025.";

(2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(*) Għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità, xi informazzjoni li tinsab f'din il-harġa ma tistax tibqa' tiġi żvelata, u għalhekk ġiet ippubblikata verżjoni awtentika ġdida.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145(1)/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2456 tat-12 ta' Settembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L, 2024/2456, 13.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2456/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura "persuni", jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni deċeduti li ġejjin:

12. Nikolai Ivanovich RYZHKOV (Николай Иванович РЫЖКОВ);

1118. Andrei Nikolaevich ERMISHKO (Андрей Николаевич ЕРМИШКО);

1128. Aleksei Viacheslavovich BOLSHAKOV (Алексей Вячеславович БОЛЬШАКОВ);

(2) taħt l-intestatura "persuni", jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

79. Mikhail Vladimirovich DEGTYARYOV (Михаил Владимирович ДЕГТЯРЁВ);

893. Vladimir Valerievich RASHEVSKY (Владимир Валерьевич РАШЕВСКИЙ);

896. Viatcheslav Moshe KANTOR (Вячеслав Моше КАНТОР);

1110. Gulbakhor ISMAILOVA (Гульбахор ИСМАИЛОВА);

(3) taħt l-intestatura "persuni", titħassar l-entrata duplikata li ġejja:

1615. Nikolay Ivanovich BULAEV (Николай Иванович БУЛАЕВ);

(4) taħt l-intestatura "entitajiet", jitħassru l-entrati duplikati li ġejjin:

259. LLC "CST";

326. JSC Arsenyev Aviation Company Progress;

(5) l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1.	Sergey Valeryevich AKSYONOV Sergei Valerievich AKSENOV (Сергей Валерьевич АКСЁНОВ) Serhiy Valeriyovych AKSYONOV (Сергій Валерійович АКСЬОНОВ)	Data tat-twelid: 26.11.1972 Post tat-twelid: Beltsy (Bălți), USSR (illum Republic of Moldova) Sess: raġel	Sergey Aksyonov ġie elett 'Prim Ministru tal-Krimea' fil-Verkhovna Rada tal-Krimea fis-27 ta' Frar 2014 fil-preżenza ta' persuni armati favur ir-Russja. L-'elezzjoni' tiegħu ġiet iddikjarata li tmur kontra l-kostituzzjoni mill-aġent President Ukren Oleksandr Turchynov fl-1 ta' Marzu 2014. Għamel pressjoni attiva favur ir-'referendum' tas-16 ta' Marzu 2014 u kien wieħed mill-kofirmatarji tat-'trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa' tat-18 ta' Marzu 2014. Fid-9 ta' April 2014 inħatar aġent 'Kap' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea' mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Fid-9 ta' Ottubru 2014, ġie 'elett' formalment 'Kap' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'. Huwa 'Reġa' 'ġie elett' f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019 u f'Settembru 2024. Membru tal-Kunsill tal-Istat tar-Russja. Minn Jannar 2017 membru tal-Kunsill Għoli tal-partit United Russia. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu 'Għall-Mertu lejn il-Patrija' – l-ewwel grad. Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, baqa' attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti, inkluż in-'nazzjonalizzazzjoni' ta' assi tal-politiċi Ukreni fir-Repubblika tal-Krimea. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2.	Vladimir Andreevich KONSTANTINOV (Владимир Андреевич КОНСТАНТИНОВ) Volodymyr Andriyovych KONSTANTINOV (Володимир Андрійович КОНСТАНТИНОВ)	Data tat-twelid: 19.11.1956 Post tat-twelid: Vladimirovka (magħrufa wkoll bħala Vladimirovca), Slobozia Region, USSR (illum Republic of Moldova) jew Bogomol, USSR (illum Republic of Moldova) Sess: raġel	Bħala speaker tal-Kunsill Suprem tar-'Repubblika Awtonoma tal-Krimea', Vladimir Konstantinov kellu rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-'Kunsill Suprem' rigward ir-'referendum' kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna u appella lill-votanti biex jivvutaw favur l-indipendenza tal-Krimea fir-'referendum' tas-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-'trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa' tat-18 ta' Marzu 2014. Mis-17 ta' Marzu 2014 'President' tal-'Kunsill tal-Istat' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'. 'Reġa' ġie elett" f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019 u f'Settembru 2024. Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, baqa' attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti, inkluż in-'nazzjonalizzazzjoni' ta' assi tal-politiċi Ukreni fir-'Repubblika tal-Krimea'. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
8.	Sergey Pavlovych TSEKOV (Сергей Павлович ЦЕКОВ) Serhiy Pavlovych TSEKOV (Сергій Павлович ЦЕКОВ)	Data tat-twelid: 28.9.1953 jew 28.8.1953 Post tat-twelid: Simferopol, USSR (illum Ukraine) Sess: raġel	Bħala Viċi Speaker tal-Verkhovna Rada tal-Krimea, Sergey Tsekov, flimkien ma' Sergey Aksyonov, ta bidu għax-xoljiment illegali tal-gvern tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea (ARC). Involva lil Vladimir Konstantinov f'din l-azzjoni billi heddu li jitkeċċa. Irrikonoxxa pubblikament li l-Membri Parlamentari mill-Krimea kienu dawk li bdew jistiednu lis-suldati Russi jieħdu l-Verkhovna Rada tal-Krimea taħt il-kontroll tagħhom. Kien wieħed mill-ewwel Mexxejja tal-Krimea li talab fil-pubbliku li l-Krimea tiġi annessa mar-Russja. Sergey Tsekov huwa eks membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'. Attwalment huwa l-Ewwel Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tal-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'. Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, baqa' attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti, inkluż in-'nazzjonalizzazzjoni' ta' assi tal-politiċi Ukreni fir-'Repubblika tal-Krimea'. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	17.3.2014
23.	Sergey Yurievich GLAZYEV (Сергей Юрьевич ГЛАЗЬЕВ)	Data tat-twelid: 1.1.1961 Post tat-twelid: Zaporizhzhia, USSR (illum Ukraine) Sess: raġel	Eks konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa dwar l-iżvilupp ekonomiku. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea u jappoġġa l-gwerra kontra l-Ukrajna. Eks Ministru għall-Integrazzjoni u l-Makroekonomija fil-Kummissjoni Ekonomika Ewrasjatika. Attwalment għandu pożizzjonijiet akkademiċi differenti ta' grad għoli, b'mod partikolari fi ħdan il-Faculty of Social Sciences tal-Higher School of Economics u r-Russian Academy of Sciences.	21.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
38.	Olga Fyodorovna KOVITIDI (Ольга Фёдоровна КОВИТИДИ)	Sess: mara Data tat-twelid: 7.5.1962 Post tat-twelid: Simferopol, USSR (illum Ukraine)	Eks membru tal-Kunsill Federali Russu mir-'Repubblika Awtonoma tal-Krimea' annessa mill-2014, maħtura mill-ġdid fl-2019. Membru tal-Kumitat tal-Kunsill Federali dwar il-Leġiżlazzjoni Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat.	29.4.2014
63.	Alexander KHODAKOVSKY Oleksandr Serhiyovych KHODAKOVSKYY (KHODAKOVSKYI) (Олександр Сергійович ХОДАКОВСЬКИЙ) Aleksandr Sergeyevich KHODAKOVSKII (Александр Сергеевич ХОДАКОВСКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 18.12.1972 Post tat-twelid: Donetsk, USSR (illum Ukraine)	Dak li kien jissejjaħ eks 'Ministru għas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk', bħala tali responsabbli għal attivitajiet ta' sigurtà separatisti tal-hekk imsejjaħ 'gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Kmandant tal-battaljun 'Vostok' tal-'Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' li qed jiġġieled f'Mariupol u Viċi Kap tal-Gwardja Russa fl-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.7.2014
74.	Nikolai Platonovich PATRUSHEV (Николай Платонович ПАТРУШЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 11.7.1951 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (illum Saint Petersburg, Russian Federation)	Eks Membru u Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Attwalment assistent presidenzjali dwar kwistjonijiet marbutin mal-bini tal-vapuri u l-President tal-Kulleġġ Marittimu (Maritime Collegium) tal-Federazzjoni Russa, stabbilit f'Awwissu 2024. Appoġġa pubblikament l-indipendenza ta' Donetsk u Luhansk. Patrushev huwa wieħed mill-proponenti ewlenin tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, jiġġustifika pubblikament l-invażjoni u jippromwovi l-għanijiet tal-gwerra.	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
100.	Andrey Yurevich PINCHUK (Андрей Юрьевич ПИНЧУК) Andriy Yuriyovych PINCHUK (Андрій Юрійович ПІНЧУК)	Sess: raġel Data possibbli tat-twelid: 27.12.1977 Post tat-twelid: Tiraspol, USSR (illum Republic of Moldova)	Eks 'Ministru għas-sigurtà statali' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Uffiċjal għoli (Kurunell) tas-Servizz Federali tas-Sigurtà (Federal Security Service, FSB). Assoċjat ma' Vladimir Antyufeyev, li kien responsabbli għall-attivitajiet 'governattivi' separatisti tal-hekk imsejjaħ 'gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Direttur Eżekuttiv u president tal-Kunsill tal-Kmandanti tal-'Union of Donbas volunteers'. Kmandant attwali tal-battaljun 'BARS-13', li jopera fl-Ukrajna.	12.9.2014
112.	Oleg Vladimirovich LEBEDEV (Олег Владимирович ЛЕБЕДЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.3.1964 Post tat-twelid: Rudny, Kostanai region, USSR (illum Kazakhstan)	Eks membru tad-Duma tal-Istat u kien l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali 'dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol'. Viċi Rettur attwali tal-Akkademja Presidenzjali għall-Interazzjoni mal-Awtoritajiet tal-Gvern (Presidential Academy for Interaction with Government Authorities). Għadu attiv fl-appoġġ ta' politiki separatisti.	12.9.2014
117.	Aleksey Vasilevich NAUMETS (Алексей Васильевич НАУМЕЦ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 11.2.1968	Maġġur Ġeneral tal-Armata Russa. Eks kmandant tas-76 diviżjoni tal-ajru li kienet involuta fil-preżenza militari Russa fit-territorju tal-Ukrajna, partikolarment waqt l-annessjoni illegali tal-Krimea. Mill-2018 Viċi Kap tal-Persunal tal-Forzi tal-Ajru. Fis-27 ta' Settembru 2023, inħatar senatur mir-reġjun ta' Pskov. Bħalissa huwa membru tal-Kumitat tal-Kunsill Federali għad-Difiża u s-Sigurtà.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
132.	Vladyslav Mykolayovych DEYNEGO (magħruf ukoll bħala Vladislav Nikolayevich DEYNEGO) Vladislav Nikolaevich DEINEGO) (Владислав Миколайович ДЕЙНЕГО) (Владислав Николаевич ДЕЙНЕГО)	Data tat-twelid: 12.3.1964 Post tat-twelid: Romny, Sumy oblast, USSR (illum Ukraine) jew possibbilment Hirnytskyi village, Perevalsk district, Luhansk oblast, USSR (illum Ukraine) Sess: raġel	Eks hekk imsejjaħ 'Viċi Kap' tal-hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu' u eks hekk imsejjaħ 'Ministru għall-Affarijiet Barranin' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Rappreżentant attwali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa f'Luhansk. Għalhekk billi assuma dawk il-kapaċitajiet u aġixxa fihom, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.	29.11.2014
147.	Anatoly Ivanovich ANTONOV (Анатолий Иванович АНТОНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.5.1955 Post tat-twelid: Omsk, USSR (illum Russian Federation)	L-Eks Viċi Ministru għad-Difiża, u f'dik il-kapaċità, involut fl-appoġġ tal-iskjerament ta' truppi Russi fl-Ukrajna. Skont l-istruttura attwali tal-Ministeru għad-Difiża Russu, f'dik il-kapaċità, huwa pparteċipa fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu. Dawn il-politiki jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin. Għandu pożizzjoni ta' Ambaxxatur fil-korp diplomatiku tal-Federazzjoni Russa.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
183.	Aleksandr Vladimirovich DVORNIKOV (Александр Владимирович ДВОРНИКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 22.8.1961 Post tat-twelid: Ussuriysk, Primorskiy Krai, USSR (illum Russian Federation)	Ġeneral tal-Forzi Armati Russi. Huwa kien il-kmandant ewlieni tal-kamp tal-battalja fl-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna bejn April u Ġunju 2022. F'dik il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-operazzjonijiet militari kollha kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Alexander Dvornikov b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna. Bħalissa huwa l-President tal-Voluntary Society for Assistance to the Army, Aviation and Navy of Russia. Eks Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tal-Forzi Armati Russi. F'dik il-kapaċità, kien responsabbli għall-forzi militari fir-reġjun, inkluż fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment. F'dan ir-rwol, kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed u forzi militari oħra tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna fil-25 ta' Novembru 2018 li ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov, u li b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni. Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	15.3.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
209.	Oleksandr Viktorovych YANUKOVYCH (Олександр Вікторович ЯНУКОВИЧ)	Data tat-twelid: 10.7.1973 Post tat-twelid: Yenakiyeve, Donetsk Oblast, USSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Ukrena, Russa Sess: raġel	Oleksandr Yanukovych huwa negozjant u iben l-eks President tal-Ukrajna Viktor Yanukovych. Matul il-presidenza ta' Viktor Yanukovych u bis-saħħa tar-rabta personali ma' grupp ta' persuni qrib missieru, żviluppa firxa wiesgħa ta' interessi kummerċjali u akkumula ħafna ġid. Għadu jmexxi l-attivitajiet kummerċjali tiegħu fir-reġjun ta' Donbas ikkontrollat mill-gruppi separatisti, speċjalment fis-setturi tal-enerġija, il-faħam, il-kostruzzjoni, il-banek u l-proprjetà immobbli. B'mod partikolari, bis-saħħa ta' rabtiet mill-qrib mas-separatisti favur ir-Russja akkwista assi ekonomiċi ewlenin fl-hekk imsejħa 'Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk u Luhansk', fost oħrajn fis-setturi tal-enerġija, il-faħam u l-proprjetà immobbli. Il-battaljun separatista OPLOT (elenkat minn Frar 2015) ipprotegħa l-proġetti tiegħu ta' żvilupp tal-proprjetà immobbli fl-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Il-kumpanija MAKO Holding ta' Oleksandr Yanukovych ġiet uffiċjalment trasferita għall-ġuriżdizzjoni Russa u issa hija rreġistrata f'Donetsk. Qabel it-tranżizzjoni lejn il-ġuriżdizzjoni Russa, il-grupp ta' kumpaniji MAKO kien de jure taħt ġuriżdizzjoni Ukrena. Għalhekk Oleksandr Yanukovych huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u wettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna. Barra minn hekk huwa assoċjat ma' missieru Viktor Yanukovych, li huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Istat.	4.8.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
217.	Nikolay Anatolyevich YEVMENOV (magħruf ukoll bħala Nikolai YEVMENOV) (Николай Анатольевич ЕВМЕНОВ)	Data tat-twelid: 2.4.1962 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Funzjoni: Kap tal-Military Training and Research Center (VUNC) 'Naval Academy named after Admiral of the Fleet of the Soviet Union N. G. Kuznetsov'; eks Kap kmandant tal-Flotta Navali Russa Grad: Ammiral Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Nikolay Yevmenov huwa l-eks Kap Kmandant tal-Flotta Navali Russa, fil-kariga sad-19 ta' Marzu 2024. Bħala tali, huwa kien responsabbli għall-perazzjonijiet kollha tal-flotta navali Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fl-2024, inħatar Kap tal-Military Training and Research Center (VUNC) 'Naval Academy named after Admiral of the Fleet of the Soviet Union N. G. Kuznetsov'. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna kif ukoll l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	23.2.2022
224.	Lyubov Valentinovna PRIGOZHINA magħrufa wkoll bħala Lyubov Valentinovna KRYAZHEVA (Любовь Валентиновна ПРИГОЖИНА Любовь Валентиновна КРЯЖЕВА)	Individwi assoċjati: Pavel Prigozhin (iben) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Lyubov Prigozhina hija omm Pavel Prigozhin u proprjetarja ta' Agat LLC, sussidjarja ta' Concord Management and Consulting LLC, li hi proprjetà tal-grupp Concord, imwaqqaf minn żewġha deċedut, Yevgeniy Prigozhin, u proprjetà tiegħu sal-2019. Hija assoċjata ma' Pavel Prigozhin, li qed jibbenefika minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża Russu. Għalhekk hija membru tal-familja immedjata ta' Pavel Prigozhin u tibbenefika minnu.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
225.	Denis Aleksandrovich BORTNIKOV (Денис Александрович БОРТНИКОВ)	Data tat-twelid: 19.11.1974 Funzjoni: Viċi President u President tal-Bord ta' Tmexxija ta' VTB Bank Nazzjonalità: Russa Entitajiet assoċjati: VTB Bank Sess: raġel	Denis Bortnikov huwa iben, u bħala tali huwa assoċjat ma', Alexander Bortnikov – Direttur tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) u Membru Permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa, li kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa l-viċi President u l-President tal-Bord ta' Tmexxija ta' VTB Bank, f'liema pożizzjoni jaħdem biex jilleġittimizza d-dħul parallel/illegali ta' missieru. Għaldaqstant qed jappoġġa wkoll finanzjarjament lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.	23.2.2022
226.	Andrei Leonidovich KOSTIN (Андрей Леонидович КОСТИН)	Data tat-twelid: 21.9.1956 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Funzjoni: President tal-Bord ta' Tmexxija ta' VTB Bank; President tal-Bord tad-Diretturi tal-United Shipbuilding Corporation Entitajiet assoċjati: VTB Bank; JSC United Shipbuilding Corporation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrei Leonidovich Kostin huwa l-president ta' Vneshtorbank (VTB) – wieħed mill-banek ewlenin tal-Istat fir-Russja. Ilu l-president tal-Bord tad-Diretturi tal-United Shipbuilding Corporation mill-25 ta' Awwissu 2023, u huwa membru tal-Kunsill Suprem tal-partit politiku 'United Russia'. Huwa għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi li jappoġġaw l-annessjoni tal-Krimea u li jħeġġu liċ-ċittadini Russi biex iqattgħu l-vaganzi fil-Krimea. Huwa assoċjat ukoll ma', u skont ir-rapporti tal-media, huwa sid ta' fabbrika tal-inbid u lukanda lussuża fil-Krimea. Għalhekk qed jappoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna u qed jibbenefika mill-annessjoni tal-Krimea.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
234.	Yevgeniy Viktorovich PRIGOZHIN (Евгений Викторович ПРИГОЖИН)	Data tat-twelid: 1.6.1961 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (illum Saint Petersburg, Russian Federation) Persuni assoċjati: Lyubov Valentinovna Prigozhina (konjuġi) Entitajiet assoċjati: Wagner Group, Internet Research Agency, Concord company group, Concord Management and Consulting LLC, Megaline LLC Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yevgeniy Prigozhin kien negozjant ewlieni Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u l-Ministeru għad-Difiża tar-Russja. Huwa ġie rrapurtat li miet f'tiġrif ta' ajruplan fit-23 ta' Awwissu 2023. Ikkonferma pubblikament li waqqaf il-Wagner Group, entità militari mhux inkorporata bbażata fir-Russja li hija responsabbli għall-istazzjonament tal-merċenarji ta' Wagner Group fl-Ukrajna. Fl-2022 ġiet stabbilita u rreġistrata kumpanija b'ishma konġunti msejħa 'PMC Wagner Center' f'San Pietruburgu, bl-għan li 'tipprovdi ambjent komdu għall-ġenerazzjoni ta' ideat ġodda biex tittejjeb il-kapaċità tad-difiża tar-Russja'. Wagner Group, immexxi minn Yevgeniy Prigozhin, kellu rwol importanti fil-ġlied u l-okkupazzjoni tat-territorji fil-Lvant tal-Ukrajna. Concord, magħrufa wkoll bħala KOMBINAT PITANIYA KONKORD OOO, kumpanija li Prigozhin waqqaf u kellu s-sjieda tagħha sa Novembru 2019, kif ukoll grupp ta' kumpaniji oħra marbuta miegħu, inkluż Concord Management and Consulting LLC u Megaline LLC, kienu u għadhom qed jibbenefikaw minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u l-okkupazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna minn separatisti appoġġati mir-Russja. Yevgeniy Prigozhin kien negozjant ewlieni li opera fir-Russja. Huwa kien responsabbli wkoll għal azzjonijiet li dgħajfu u heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u implimentahom b'mod attiv. Barra minn hekk huwa bbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. Iben Yevgeniy Prigozhin, Pavel Prigozhin, huwa l-werriet ewlieni u l-benefiċjarju tal-assi, tal-beni u tal-proprjetajiet tiegħu. Pavel Prigozhin huwa elenkat mill-Unjoni għall-involviment tiegħu f'operazzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa xieraq li Yevgeniy Prigozhin jinżamm fil-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li jsiru disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi peress li hemm probabbiltà li l-assi kkonċernati nkella jintużaw biex jiffinanzjaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jew azzjonijiet oħra li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	21.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
649.	Vladislav Leonidovich BRUEV (Владислав Леонидович БРУЕВ)	Data tat-twelid: 21.3.1977 Funzjoni: Kap tal-ewwel direttorat ewlieni tal-iState Border Committee; eks Kap tal-Gomel border group Grad: Kurunell Post tat-twelid: Kharkov, USSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vladislav Bruev huwa l-eks Kap tal-Gomel border group tal-Belarussja, u l-Kap attwali tal-ewwel direttorat ewlieni tal-iState Border Committee. F'dawk il-kapaċitajiet, kien responsabbli għas-superviżjoni tas-sigurtà tal-fruntiera fl-oblast ta' Gomel, inkluż il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna, u l-passaġġ ta' individwi u merkanzija minn din il-fruntiera. Truppi Russi qasmu l-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna fl-oblast ta' Gomel bħala parti mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	25.2.2022
651.	Dmitry Alexandrovich VINNIKOV (Дмитрий Александрович ВИННИКОВ)	Data tat-twelid: 4.12.1979 Funzjoni: Kap tal-Gomel border group; eks Kap tal-Pinsk border detachment Grad: Kurunell Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Dmitry Vinnikov huwa l-eks Kap tal-Pinsk border detachment tal-Belarussja u l-Kap attwali tal-Gomel border group. F'dawk il-kapaċitajiet, kien responsabbli għas-superviżjoni tas-sigurtà tal-fruntiera fiż-żona ta' Pinsk, inkluż il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna, u l-passaġġ ta' individwi u merkanzija minn din il-fruntiera. Huwa parti mill-armata Belarussa, li appoġġat l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna tal-24 ta' Frar 2022. Truppi Russi qasmu l-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Ukrajna fiż-żona ta' Pinsk bħala parti mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	25.2.2022
660.	Andrey Vladimirovich ZHUK (Андрей Владимирович ЖУК)	Data tat-twelid: 6.8.1969 Post tat-twelid: Gorki, USSR (illum Belarus) Funzjoni: eks Viċi Ministru għad-Difiża tal-Belarussja, Maġġur Ġeneral Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Andrey Zhuk huwa l-eks Viċi Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja. F'din il-kapaċita, ipparteċipa fl-eżerċizzji militari konġunti tar-Russja u l-Belarussja qabel it-tishiħ tal-forzi militari mal-fruntiera Ukrena li ħejjew u ffaċilitaw l-aggressjoni militari Russa tal-24 ta' Frar 2022. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	25.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
674.	Petr Olegovich AVEN (Пётр Олегович АВЕН)	Data tat-twelid: 16.3.1955 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Funzjoni: negozjant ewlieni qrib il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin; wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin; Mikhail Fridman; German Borisovich Khan; Alexey Kuzmichev Entitajiet assoċjati: JSC Voentorg	Petr Aven huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, li jmorru lura għall-bidu tas-snin disgħin. Huwa għandu parteċipazzjoni azzjonarja sinifikanti f'ABH Holdings, li kienet tikkontrolla bank Russu ewlieni, Alfa Bank, u għadha tikkontrolla kumpaniji oħra ta' Alfa Group. It-trasferiment tal-ishma tiegħu f'A1, li hija parti mill-Alfa Group, jitqies bħala fittizju. Huwa wkoll azzjonist tad-ditta tal-investiment LetterOne. Huwa wieħed minn madwar 50 negozjant għani Russu li jiltaqgħu regolarment mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Petr Aven, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru taċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, li hija parti minn Alfa Group Consortium, tipprovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin. AlfaStrakhovanie pprovdiet ukoll assigurazzjoni lil kumpaniji bħal JSC Kalashnikov Concern u Central Scientific — Research Institute for Precision Machine Engineering (TsNIITochMash), li l-armi tagħhom jintużaw b'mod mifrux mill-militar Russu fl-Ukrajna u ntużaw ukoll matul l-atroċitajiet f'Bucha. Barra minn hekk, X5 Retail Group, kumpanija oħra ta' Alfa Group Consortium, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' catering u ta' ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari, lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ T-shirts bis-simbolu militari 'Z' użat mill-propagandisti Russi biex jippromwovu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, Petr Aven huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod attiv appoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom. Appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Fl-2024, l-awtoritajiet Russi esproprjaw id-drittijiet ta' proprjetà ta' kumpaniji azzjonarji tal-Unjoni fil-kumpanija azzjonarja Russa ta' Alfa Bank, JSC AB Holding, u stipulaw li azzjonisti indiretti, bħal Aven, kellhom isiru azzjonisti diretti tal-kumpanija azzjonarja Russa. Sussegwentement, Aven biegħ id-drittijiet ta' proprjetà diretti ġodda tiegħu lil parti terza, u b'hekk kiseb pagament konsiderevoli fir-Russja. Għalhekk huwa persuna li fixklet b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK. Huwa bbenefika wkoll minn trasferiment obbligatorju ta' sjieda jew kontroll ta' entità stabbilita fir-Russja, li qabel kienet proprjetà ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni jew ikkontrollata minnhom, mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa permezz ta' liġijiet, regolamenti, strumenti leġiżlattivi oħra jew azzjoni oħra ta' awtorità pubblika Russa.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
675.	Mikhail Maratovich FRIDMAN (Михаил Маратович ФРИДМАН)	Data tat-twelid: 21.4.1964 Post tat-twelid: Lviv, USSR (illum Ukraine) Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin; Petr Aven; German Borisovich Khan; Alexey Kuzmichev Entitajiet assoċjati: JSC Voentorg	Mikhail Fridman huwa negozjant Russu. Huwa wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' ABH Holdings, li kienet tikkontrolla bank Russu ewlieni, Alfa Bank, u għadha tikkontrolla kumpaniji oħra fl-Alfa Group. It-trasferiment tal-ishma tiegħu f'A1, li huwa parti mill-Alfa Group, jitqies bħala fittizju. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tipprovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin. AlfaStrakhovanie pprovdiet ukoll assigurazzjoni lil kumpaniji bħal JSC Kalashnikov Concern u Central Scientific - Research Institute for Precision Machine Engineering (TsNIITochMash), li l-armi tagħhom jintużaw b'mod mifrux mill-militar Russu fl-Ukrajna u ntużaw ukoll matul l-atroċitajiet f'Bucha. Barra minn hekk, X5 Retail Group, sussidjarja oħra ta' Alfa Group Consortium, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' catering u ta' ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari, lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ T-shirts bis-simbolu militari 'Z' użat mill-propagandisti Russi biex jippromwovu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fridman għandu wkoll parteċipazzjoni azzjonarja sinifikanti fi Rosvodokanal, wieħed mill-operaturi privati ewlenin tal-utilitajiet tal-ilma fir-Russja.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod attiv appoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom. Appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Fl-2024, l-awtoritajiet Russi esproprjaw id-drittijiet ta' proprjetà tal-kumpaniji azzjonarji tal-Unjoni fil-kumpanija azzjonarja Russa ta' Alfa Bank, JSC AB Holding, u b'hekk Fridman sar azzjonist dirett tal-kumpanija Russa. Sussegwentement, huwa biegħ id-drittijiet ta' proprjetà diretti ġodda tiegħu lil parti terza, u b'hekk kiseb pagament konsiderevoli fir-Russja. Għalhekk huwa persuna li kien qiegħed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK. Huwa wkoll persuna li bbenefikat minn trasferiment obbligatorju ta' sjieda u kontroll ta' entità stabbilita fir-Russja, li qabel kienet proprjetà ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni jew ikkontrollata minnhom, mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa permezz ta' liġijiet, regolamenti, strumenti leġiżlattivi oħra jew azzjoni oħra ta' awtorità pubblika Russa.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
695.	Alexey Alexandrovits MORDASHOV (Алексей Александрович МОРДАШОВ)	Data tat-twelid: 26.9.1965 Post tat-twelid: Cherepovets, USSR (illum Russian Federation) Funzjoni: President ta' Severstal u Severgroup Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Assoċjati: Yuriy Kovalchuk; Nikolay Shamalov	Alexey Mordashov huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib mal-gvern Russu. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Alexey Mordashov, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru taċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Barra minn hekk, kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw 'il-patrijottiżmu qabel il-profitt'. Alexey Mordashov huwa l-president u l-azzjonist maġġoritarju tal-kumpanija Severgroup, kumpanija ta' investiment privata b'portafoll diversifikat ta' assi, inkluż il-grupp ta' kumpaniji Cordiant, wieħed mill-manifatturi ewlenin tar-Russja ta' tajers, komponenti tal-karozzi, tagħmir termali u għodod elettriċi, li s-sussidjarja tagħha, Severstal, topera fis-settur tal-azzar u tal-estrazzjoni u tforni prodotti speċjali tal-azzar lill-industrija militari, inkluż azzar korazzat. Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Alexey Mordashov qed jappoġġa u jimplimenta wkoll azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
702.	Dmitry Anatolievich MIHOLAP (bir-Russu: Дмитрий Анатольевич МИХОЛАП; bil-Belarussu: Дзмітрый Анатольевіч МІХАЛАП)	Data tat-twelid: 28.12.1974 Post tat-twelid: Bukino, USSR (illum Belarus) Funzjoni: Kap tal-Fakultà tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati; Viċi Kap tal-Akkademja Militari tal-Belarussja Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Dmitry Miholap kellu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi għad-Difiża tal-Ajru tal-Belarussja. F'Mejju 2024, inħatar bħala Kap tal-Fakultà tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati u Viċi Kap tal-Akkademja Militari tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-fjuwil għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Dmitry Miholap qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
706.	Alexander Ivanovich BAS (bir-Russu: Александр Иванович БАС) (bil-Belarussu: Аляксандр Іванавіч БАС)	Data tat-twelid: 17.8.1971 Post tat-twelid: Khotomel, USSR (illum Belarus) Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Kmandant tat-truppi tal-Kmand Operazzjonali tal-Majjistral tal-Forzi Armati Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Alexander Bas ġie promoss għall-grad ta' Maġġur Ġeneral. Kien jokkupa l-kariga ta' Kap tad-Direttorat Ewlieni tat-Taħriġ għall-Ġlied tal-Forzi Armati. F'Lulju 2024 Alexander Bas inħatar kmandant tat-truppi tal-Kmand Operazzjonali tal-Majjistral tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Belarussja. Qabel Alexander Bas kien il-Viċi Kmandant tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fil-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna billi tħalli lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja għal ġol-Ukrajna, tiffaċilita t-trasport ta' persunal militari u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari Russi fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tħalli l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fl-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti tar-riforniment fil-Belarussja għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi u tagħmir militari Russi fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Alexander Bas qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.	2.3.2022.
710.	Aleksandr Viktorovich NAUMENKO (bir-Russu: Александр Викторович НАУМЕНКО)	Funzjoni: Viċi Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja, Maġġur Ġenerali Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aleksandr Viktorovich Naumenko kien jokkupa l-pożizzjoni ta' Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operazzjonali tal-Majjistral tal-Belarussja. F'Lulju 2024, Alexander Naumenko nħatar Viċi Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-fjuwil għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Aleksandr Viktorovich Naumenko qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
721.	Andrey Igorevich MELNICHENKO (Андрей Игоревич МЕЛЬНИЧЕНКО)	Data tat-twelid: 8.3.1972 Post tat-twelid: Gomel, USSR (illum Belarus) Funzjoni: eks direttur mhux eżekuttiv ta' JSC SUEK; eks membru tal-Bord ta' Gvernaturi ta' EuroChem Group Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Melnichenko huwa industrijalist Russu li għadu jikkontrolla l-produttur ewlieni tal-fertilizzanti EuroChem Group u l-kumpanija tal-faħam SUEK. Fid-9 ta' Marzu 2022, Melnichenko trasferixxa l-interessi tiegħu f'SUEK u f'Eurochem Group lill-konjuġi tiegħu, Aleksandra Melnichenko. Għadu jibbenefika mill-ġid li trasferixxa lil martu. Il-ġid tiegħu żdied b'mod konsiderevoli ħafna fis- snin reċenti. Andrey Melnichenko jappartjeni għaċ-ċirku l-aktar influwenti ta' negozjanti Russi b'rabtiet mill-qrib mal-gvern Russu, kif jidher mill-involviment tiegħu mar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs, fejn għandu l-pożizzjoni ta' membru tal-Bureau tal-Bord u huwa l-President tal-Kumitat dwar il-Politika dwar il-Klima u r-Regolamentazzjoni tal-Karbonju. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Andrey Melnichenko, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent, u b'hekk wera l-importanza tiegħu bħala negozjant ewlieni fir-Russja. Barra minn hekk kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-'patrijottiżmu qabel il-profitt'. F'April 2024, Melnichenko pparteċipa wkoll fil-kungress tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, għamel diskors, fejn iddiskuta l-kooperazzjoni bejn l-istat Russu u l-kumpaniji ewlenin tal-pajjiż. Dawn l-elementi juru li huwa negozjant ewlieni kif ukoll negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
(*)	(*)	(*)	(*)	(*)

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
(*)	(*)	(*)	(*)	(*)

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
728.	Vadim Nikolaevich MOSHKOVICH (Вадим Николаевич МОШКОВИЧ)	Data tat-twelid: 6.4.1967 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Funzjoni: eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' Rusagro Group Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vadim Moshkovichhuwa imprenditur Russu b'interessi kummerċjali fl-agrikoltura u fl-iżvilupp tal-proprjetà immobbli. Fl-2004 Vadim Moshkovich waqqaf Rusagro Group, li huwa produttur ewlieni tal-laħam tal-majjal, xaħmijiet u zokkor, ikklassifikat l-ewwel fost l-azjendi agrikoli fir-Russja fl-2021. Għalhekk Vadim Moshkovic huwa negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Vadim Moshkovich, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Dan juri wkoll li huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Barra minn hekk, Rusagro Group huwa involut fl-industrija tad-difiża u fil-produzzjoni ta' droni użati mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Vadim Moshkovich huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja b'interessi kummerċjali f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern Russu. Għaldaqstant, qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u qed jagħti appoġġ materjali lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
